MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 12 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 893/2002/1

**Avviz Numru 893/02 AJD**
**Antoine Vassallo f'ismu proprju u ezercenti n-negozju bhala Antoine AutoDealer**

**vs**

**Anthony u Mary Claire konjugi Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u tlett liri Maltin u erbagha u ghoxrin centezmu (Lm603.24) , bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' karozzi mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti u dan skond hire purchase agreement iffirmat mill-partijiet 9Dok. A).
.
Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr.John Buttigieg ghall-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta’ sitt mija u tlett liri Maltin u erbagha u ghoxrin centezmu (Lm603.24), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr.** Audrey J. Demicoli
Gudikatur.